

Il-Ġurnal Uffiċjali L 114 I tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 66

2 ta' Mejju 2023

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/903 tat-2 ta' Mejju 2023 li jintroduċi miżuri preventivi fir-rigward ta' ċerti prodotti li joriġinaw fl-Ukrajna** 1

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/903

tat-2 ta' Mejju 2023

li jintroduċi miżuri preventivi fir-rigward ta' ċerti prodotti li joriġinaw fl-Ukrajna

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2022/870 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ temporanji ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(9) tiegħu,

Billi:

- (1) Wara l-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna mill-24 ta' Frar 2022, sabiex tappoġġa l-ekonomija tal-Ukrajna, permezz tar-Regolament (UE) 2022/870, l-Unjoni Ewropea introduċiet miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ li jissupplimentaw il-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti Ukreni skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra ⁽²⁾ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni"). B'mod partikolari, l-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2022/870 jipprevedi, fost l-oħrajn, is-sospensjoni tal-kwoti tariffarji kollha stabbiliti skont l-Anness I-A tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Jipprevedi wkoll li l-prodotti koperti minn dawk il-kwoti għandhom jiġu ammessi għall-importazzjoni fl-Unjoni mill-Ukrajna mingħajr ebda dazju doganali.
- (2) Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja llimitat serjament ukoll l-aċċess tal-Ukrajna għall-portijiet tal-Baħar l-Iswed tagħha u b'hekk impedixxiet lill-pajjiż milli jesporta l-prodotti tiegħu lejn il-bqija tad-dinja u milli jimporta l-prodotti li jeħtieġ. Biex jiġi evitat theddid għas-sigurtà globali tal-ikel u biex jiġi appoġġat l-istabbiliment tal-konnettività tal-Ukrajna lejn l-Unjoni, il-Kummissjoni ffaċilitat l-istabbiliment ta' rotot alternattivi tat-trasport (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Korsiji ta' Solidarjetà bejn l-UE u l-Ukrajna") biex tippermetti l-kummerċ bilaterali u l-aċċess tal-Ukrajna għas-swieq globali ⁽³⁾.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2022/870 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar il-miżuri ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ temporanji li tissupplimentaw l-konċessjonijiet kummerċjali applikabbli għall-prodotti Ukreni skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 103).

⁽²⁾ ĠU L 161, 29.5.2014, p. 3.

⁽³⁾ COM/2022/217 final. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Pjan ta' azzjoni għall-Korsiji ta' Solidarjetà bejn l-UE u l-Ukrajna sabiex jiġu ffaċilitati l-espportazzjonijiet agrikoli tal-Ukrajna u l-kummerċ bilaterali mal-UE.

- (3) Bħala riżultat tal-isforzi konġunti mill-Istati Membri, b'mod partikolari l-Polonja, is-Slovakkja, l-Ungerija, ir-Rumanija u l-Bulgarija, kif ukoll l-isforzi tal-Ukrajna, tal-Moldova, ta' sħab internazzjonali oħra u tal-Kummissjoni, il-Korsiji ta' Solidarjetà bejn l-UE u l-Ukrajna saru vitali għall-ekonomija tal-Ukrajna u konnettività ġdida mal-Unjoni, li sservi wkoll biex tipprevjeni kriżi globali tal-ikel (*).
- (4) Filwaqt li f'dawn l-aħħar xhur inkiseb ħafna titjib, għad hemm ostakli loġistiċi importanti. Tabilħaqq, l-infrastruttura għadha insuffiċjenti biex tittratta ż-żieda fit-traffiku b'mod partikolari fil-fruntieri bejn l-Ukrajna u l-Istati Membri. It-tagħmir għadu meħtieġ b'mod urġenti u l-kapaċità hija skarsa u dan jirriżulta f'kostijiet loġistiċi għoljin, filwaqt li hemm ukoll riskju għoli li l-faċilitajiet tal-ħżin jilhqnu kapaċità sħiħa malajr. Għalhekk hemm hteġa urġenti għal konnettività mtejbja billi jiġi kkoordinat aħjar it-tranżitu, tittejjeb l-infrastruttura u jitnaqqsu l-kostijiet kumplessivi tal-loġistika, biex b'hekk jiġi żgurat li l-qamħ, il-qamħirrum, iż-żerriegħa tal-lift u ż-żerriegħa tal-ġirasol li joriġinaw fl-Ukrajna jkunju jistgħu jidħlu aktar fl-Unjoni u lil hinn minnha kif meħtieġ.
- (5) Bħala riżultat tal-ispejjeż għoljin tal-loġistika u l-ostakli deskritti hawn fuq, kien hemm żieda fl-importazzjonijiet mill-Ukrajna lejn l-Istati Membri qrib l-Ukrajna. Dawn l-importazzjonijiet qed jisaturaw il-kapaċità tal-ħżin u l-ktajjen loġistiċi b'mod partikolari fil-Bulgarija, fl-Ungerija, fil-Polonja, fir-Rumanija u fis-Slovakkja. Dawk iċ-ċirkustanzi jaffettwaw il-vijabbiltà ekonomika tal-produtturi lokali f'dawk l-Istati Membri. Fuq dik il-bażi, il-Kummissjoni tqis li qed jifacċaw ċirkustanzi eċċezzjonali li jirriskjaw li jaffettwaw lill-produtturi lokali tal-Unjoni. Minħabba l-urġenja tas-sitwazzjoni u l-hteġa urġenti li tiġi indirizzata l-kwistjoni, investigazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2022/870 f'dan l-istadju hija impossibbli. Fid-dawl ta' dawk iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni għalhekk tqis li hija meħtieġa azzjoni immedjata fil-forma ta' miżuri preventivi skont l-Artikolu 4(9) ta' dak ir-Regolament.
- (6) Ħlief fir-rigward tal-eżekuzzjoni ta' kuntratti li ġew iffirmati qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, huwa għalhekk meħtieġ li jiġi żgurat li l-qamħ, il-qamħirrum, iż-żerriegħa tal-lift u ż-żerriegħa tal-ġirasol li joriġinaw fl-Ukrajna, li kollha jikkompetu għall-istess kapaċitajiet ta' ħażna, huma rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera jew imqiegħda taħt il-proċeduri ta' ħażna doganali, żona ħielsa jew proċessar attiv, kif previst fir-Regolament (UE) 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (°), fi Stati Membri għajr il-Bulgarija, l-Ungerija biss, il-Polonja, ir-Rumanija jew is-Slovakkja.
- (7) Madankollu, dik il-limitazzjoni ma taffettwax il-moviment ta' dawk l-oġġetti fil-Bulgarija, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija jew is-Slovakkja, jew minnhom, lejn Stat Membru ieħor jew lejn pajjiż jew territorju barra mit-territorju doganali tal-Unjoni bis-saħħa tal-proċedura ta' tranżitu doganali, kif previst fl-Artikolu 226 tar-Regolament (UE) 952/2013.
- (8) Il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 4(9) tar-Regolament (UE) 2022/870, infurmat lill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali msemmi fl-Artikolu 5(1) ta' dak ir-Regolament.
- (9) Sabiex tiġi evitata mġiba spekulattiva mill-operaturi tas-suq, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu u japplika sal-5 ta' Ġunju 2023,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ħlief għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti li ġew iffirmati qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew it-qegħid taħt il-proċeduri ta' ħażna doganali, żona ħielsa jew proċessar attiv tal-prodotti elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament li joriġinaw fl-Ukrajna, għandhom ikunu permessi biss fi Stati Membri għajr il-Bulgarija, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija jew is-Slovakkja.

(*) Bejn Mejju 2022 u Marzu 2023, l-Ukrajna esportat aktar minn 63 miljun tunnellata ta' oġġetti permezz tal-Korsiji ta' Solidarjetà bejn l-UE u l-Ukrajna, inklużi 32 miljun tunnellata ta' ċereali u żrieragħ żejtnin, u gābet lura aktar minn EUR 26 biljun f'introjtu lejn l-Ukrajna. Il-korsiji ta' Solidarjetà ppermettew ukoll lill-Ukrajna timporta kważi 23 miljun tunnellata ta' oġġetti, li jirrappreżentaw aktar minn EUR 48 biljun f'introjtu għan-negozji tal-UE.

(°) Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għandu japplika sal-5 ta' Ġunju 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Mejju 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

Deskrizzjoni tal-Prodott	Kodiċi tal-Komodità
Qamħ	
Qamħ u meslin	1001
Qamħirrum	
Qamħirrum	1005
Lift	
Żerriegħa tal-lift jew tal-kolza, kemm jekk imkissra u kemm jekk le	1205
Żerriegħa tal-ġirasol	
Żerriegħa tal-ġirasol, kemm jekk imkissra u kemm jekk le	1206

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)